# SILLABU TAĊ-ĊES (2014)

## STUDJI AMBJENTALI SEC 13

## SILLABU

| | |
|---|---|
| **Studji Ambjentali SEC 13** | (*ma jsirx f'Settembru) |
| **Sillabu** | L-Ewwel Karta (sagħtejn) + it-Tieni Karta (sagħtejn) + Fieldwork |

## Introduzzjoni

Għal dan is-sillabu l-ambjent ta' l-individwu jfisser is-sett kollu ta' relazzjonijiet li dak l-individwu għandu ma' individwi oħra u mal-fatturi fiżiċi ta' madwaru. Is- suċċess ta' l-individwu fl-ambjent tiegħu jiddependi minn kemm hemm armonija bejn dawn l-interrelazzjonijiet.




Din id-definizzjoni timplika li l-għalliema għandhom jittrattaw dan is-suġġett b'mod ħolistiku u mhux joffru lill-istudenti tagħhom lista ta' fatti mhux relatati ma' xulxin. L-għalliema huma mitluba sabiex jorbtu flimkien l-aspetti ambjentali kollha, imsemmija aktar 'l quddiem, ħalli b'hekk tingħata dehra aktar ċara ta' l-interazzjonijiet li jeżistu bejn il-fatturi kollha li jsawru l-ambjent Malti.

L-aħjar mod li bih jista' jkun ittrattat dan is-sillabu hu dak interdixxiplinarju fejn għalliema ta' diversi suġġetti jagħtu s-sehem tagħhom sabiex tingħata dehra sħiħa ta' l-aspetti differenti li jħaddan fih l-ambjent Malti. Biex dan ikun possibbli, it-time-table trid tkun strutturata b'mod li tiffaċilita dan iċ-ċaqliq.

Għalkemm hu mistenni li l-kandidati jsiru aktar midħla ta' dak kollu li hu Malti, is-sillabu jfittex li jippreżenta dan kollu f'kuntest aktar wiesa', jigifieri f'kuntest Mediterranju. Madanakollu rridu niftakru li biex dan jista' jsir b'mod effettiv, il-kandidati għandhom ikunu aktar konxji ta' l-ambjent immedjat tagħhom. Għalhekk hu ssuġġerit li, fejn u possibbli, l-aspetti ambjentali msemmija fis-sillabu jkunu relatati mad-dar, mal-komunita', mal-villaġġ jew mal-belt ta' l-istess kandidati.

Fl-aħħarnett, kull forma ta' edukazzjoni ambjentali għandha twassal lill-istudenti għall-parteċipazzjoni attiva fil-ħarsien, il-kura, u l-protezzjoni ta' l-ambjent. Dan hu l-iskop tal-progetti msemmija aktar 'l quddiem fis-sillabu. Għalhekk hu ssuġġerit li l-metodoloġija użata tkun waħda li toffri esperjenzi diretti ta' l-ambjent permezz ta' fieldworks, diskussjonijiet u tpartit ta' opinjonijiet fil-klassi.

## Għanijiet

L-iskop ewlieni ta' dan is-sillabu hu li jnissel u jrawwem fil-kandidati it-tagħrif, l-abbiljtajiet, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa sabiex bħala ċittadini, jsebbħu u jutilizżaw l-ambjent b'sens ta' risponsabilita' lejn ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri. Għalhekk dan is-sillabu jgħin lill-kandidati:

a) jiksbu t-tagħrif, il-valuri, l-attitudnijiet u l-abbiltajiet prattiċi meħtieġa biex ikunu kapaċi jbassru u jsolvu problemi ambjentali billi jipparteċipaw b'mod aktar sħiħ, risponsabbli u effettiv fil-kura ta' l-ambjent;
b) jaraw l-aspetti biofiżiċi, soċjokulturali u ekonomiċi ta' l-ambjent naturali u dak uman u b'hekk jifhmu u jinterpretaw il-kumplessita' ta' l-interazzjonijiet li hemm bejniethom;
ċ) jiżviluppaw fihom sens ta' risponsabbilita' u solidarjeta' billi jifhmu kif azzjonijiet personali u lokali jistgħu jkollhom riperkussjonijiet nazzjonali, reġjonali u globali.

## Objettivi ta' l-Eżami

Il-kandidati huma mistennija li:
a) jiksbu t-tagħrif meħtieġ biex jifhmu kwistjonijiet ambjentali, b'mod speċjali dawk lokali;
b) japplikaw tagħrif dwar kunċett ekoloġiċi u abbilitajiet miksuba biex janalizzaw kwistjonijiet ambjentali;

ċ) japplikaw tagħrif miksub biex ibassru l-konsegwenzi ta' azzjonijiet u jissuġġerixxu proposti alternattivi għall-ħarsien ta' l-ambjent;
d) jagħrfu minn fejn jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-ambjent, ħalli jiffurmaw idea aktar sħiħa tal-kwistjonijiet ambjentali;
e) jifhmu u jikkomunikaw kif l-aspetti reliġjużi, ekonomiċi, politiċi u soċjali tal-kulura Maltija jinfluwenzaw l-ambjent;
f) jifhmu u jikkomunikaw l-impatt ambjentali ta' azzjonijiet individwali;
ġ) jidentifikaw varjeta ta' kwistjonijiet ambjentali ta' natura lokali, nazzjonali, reġjonali u globali u l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali ta' dawn il- kwistjonijiet;
g) jidentifikaw u jissuġġerixxu soluzzjonijiet alternattivi u prattiċi għall-kwistjonijiet ambjentali, kif ukoll jaraw l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali ta' dawn is-suġġerimenti;
għ) jifmhu l-ħtieġa ta' analiżi serja tal-kwistjonijiet ambjentali qabel jittieħdu deċiżjonijiet dwarhom;
ħ) jifhmu kif diversi opinjonijiet u valuri jaffettwaw kwistjonijiet ambjentali u l-ħtieġa ta' kjarifikazzjoni tal-valuri personali qabel jittieħdu deċizjonijiet dwar l-ambjent;
h) jifhmu l-ħtieġa ta' azzjoni responsabbli taċ-ċittadini sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet ambjentali;
i) juru abbilita' li, f'kuntest ekoloġiku u kulturali, janalizzaw kwistjonijiet ambjentali u l-valuri/opinjonijiet marbutin magħhom u jidentifikaw soluzzjonijiet prattiċi għalihom;
j) juru l- abbilita' li jeżaminaw, jiċċaraw u anki jbiddlu valuri u opinjonijiet fid-dawl ta' informazzjoni ġdida;
k) jeżaminaw x'azzjonijiet għandhom jieħdu bħala ċittadini biex isolvu kwistjonijiet ambjentali fid-dawl ta' l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali tagħhom;
l) jagħżlu l-aħjar azzjoni li għandhom jieħdu bħala ċittadini sabiex isolvu xi kwistjoni partikolari;
m) juru kompetenza fil-varjeta' ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu favur l-ambjent.

**L-iskema ta' l-Eżami**

Il-karta tal-eŻami tkun ippreparata b'Żewġ lingwi: bil-Malti u bl-IngliŻ. Il-kandidati jistgħu jwieġbu kull mistoqsija kemm bil-Malti u/jew bl-IngliŻ. Madanakollu mhux permess li jsir tibdil fil-lingwa fl-istess risposta.

**L-Ewwel Karta** (45% tal-marka globali) tinħadem mill-kandidati kollha. Il-mistoqsijiet f'din il-karta jkunu jirriflettu s-sitt temi inkluŻi fis-sillabu. Il-kandidati jridu jwieġbu l-mistoqsijiet KOLLHA. Il-karta tkun maqsuma f'Żewġ taqsimiet.

**aqsima A:** (Marki totali: 40). Din it-taqsima tkun tikkonsisti minn (9) disa' mistoqsija sa (15) ħmistax-il mistoqsija, fejn il-kandidati jridu jwieġbu fil-qosor għalihom. Dawn il-mistoqsijiet jiffukaw fuq is-sitt temi **kollha** tas-sillabu.

**Taqsima B:** (Marki totali: 50). Din it-taqsima tkun tikkonsisti minn (2) Żewġ mistoqsijiet fuq is-sorsi. Il-kandidati huma mħeġġa li jqattgħu **ħamsin** minuta fuq taqsima A u **siegħa u għaxar minuti** fuq taqsima B.

**It-Tieni Karta** (40% tal-marka globali). Ikun hemm żewġ verżjonijiet ta' din il- karta: it-**Tieni Karta IIA** u t-**Tieni Karta IIB**. Il-kandidati jridu juru fuq il-formula tar-reġistrazzjoni tagħhom liema verŻjoni jridu jagħmlu. Ebda bdil fl-għaŻla ta' din il-karta ma jitħalla jsir wara li jkun għalaq iż-żmien tar-reġistrazzjoni. Iż-żewġ karti jkunu mqassmin fi tliet sezzjonijiet:

*Sezzjoni A* tinkludi minn (2) Żewġ mistoqsijiet: waħda fuq tema 1 u oħra fuq tema 2 *Sezzjoni B* tinkludi minn (2) żewġ mistoqsijiet: waħda fuq tema 3 u oħra fuq tema 4. *Sezzjoni Ċ* tinkludi minn (2) żewġ mistoqsijiet: waħda fuq tema 5 u oħra fuq tema 6. Il-kandidati huma mistennija li jwieġbu **(4) erba'** mistoqsijiet, mill-anqas mistoqsija **waħda** minn kull sezzjoni.

**It-Tieni Karta A** jkollha mistoqsijiet li jitolbu aktar ħsieb mill-Ewwel Karta. Il-mistoqsijiet ta' din ilkarta jitolbu tweġibiet ta' natura argumentattiva u analitika u jeŻaminaw l-abbilta` tal-kandidati biex isolvu xi problemi li għandhom x'jaqsmu ma' kull aspett tal-ambjent. Kull mistoqsija ġġorr 20 marka: 4 x 20 = 80 marka.

**It-Tieni Karta B** jkollha mistoqsijiet eħfef minn tal-Ewwel Karta. Il-mistoqsijiet ikunu f'għamla

strutturata u jinħtieġu tweġibiet qosra. Il-mistoqsijiet ikunu ta' natura deskrittiva jew fattwali (mhux argumentattivi jew analitiei). Ma jkun hemm l-ebda mistoqsija li tinħtieġ tweġiba forma ta' esej. Kull mistoqsija ġġorr 20 marka: 4 x 20 = 80 marka.

**Proġett (15% tal-marka globali)**

Dan il-komponent prattiku jkun assessjat mill-iskola waqt il-kors ta' studju. Il-proġett għandu jkun aċċessibbli fl-iskejjel tal-kandidati għall-moderazzjoni mill- Markers' Panel.

L-assessment ta' l-iskola għandu jasal għand il-MATSEC Examinations Board skond l-avviż li jingħata. Il-kandidati privati għandhom jippreżentaw il-proġett lill-MATSEC Examinations Board skond l-avviż li jingħata.

Il-kandidati jistgħu jissejħu għall-interview dwar il-proġett tagħhom.

**Noti fuq il-Moderazzjoni tal-Proġett**

Il-proġett jintgħażel mill-kandidati infushom, minn wieħed minn dawn it-temi:

a) L-impatt tal-bniedem fuq parti tal-kosta ta' Malta
b) L-użu tal-enerġija solari fid-djar Maltin
c) Il-wirt arkitettoniku f'Malta miż-żmien tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann
d) L-istil tal-ħajja f'Malta madwar mitejn sena ilu
e) Proġett iffinanzjat bil-fondi tal-Unjoni Ewropea f'Malta
f) L-istil ta' ħajja taż-żagħżagħ Maltin fil-passat u fil-preżent

Il-proġett għandu jikkonsisti f'rapport ta' madwar 1500 sa 2000 kelma dwar it-tema magħżula. Fir-rapport. Il-kandidati huma mistennija jiżviluppaw it-tema fi kliemhom u li jkun illustrat bi statistiċi, graphs u ritratti/disinji addattati (b'captions addattati). Filwaqt li l-kandidati huma mħeġġa jagħmlu użu minn kotba, letteratura u l-Internet għar-riċerka tagħhom, huma mfakkra li xogħol ikkupjat ikun penalizzat severament.

Dan ix-xogħol ikollu marka ta' 30/200 jew 15% tal-massimu ta' l-eżami, u waqt il-moderazzjoni l-Markers' Panel iqisu dawn il-punti:
a) Ippjanar u inizjattiva tal-kandidati;
b) Żvilupp tax-xogħol li juri l-abbilta' tal-kandidati li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet u nies biex ikunu jistgħu jagħmlu osservazzjonijiet u jiġbru tagħrif;
ċ) Stinkar (effort) biex ix-xogħol ikun riżultat ta' ħidma, osservazzjonijiet u ideat personali;
d) Kapaċita' li jsir użu minn tagħrif ta' inkjesti (surveys) u statistika miġbura;
e) Konklużjonijiet li juru ideat, osservazzjonijiet u suġġerimenti li l-kandidati jagħmlu b'riżultat ta' dak kollu li josservaw u jiġġudikaw.

**Riżultati**

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa 5 (jiġifieri Gradi 1, 2, 3, 4, 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (Unclassified).

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, 7). Min ma jġibx Grad 7 jkollu U (Unclassified).

**Spjega tal-Gradi**

Din l-ispjega tal-gradi hi indikazzjoni ġenerali tal-livell milħuq mill-kandidati li ngħataw xi grad partikolari. Il-grad mogħti jiddependi minn kemm il-kandidati jkunu laħqu b'mod ġenerali l-'Objettivi ta' l-Eżami'.

| | Grad 1 | Grad 5 | Grad 7 |
|---|---|---|---|
| | Kandidati li jingħataw Grad 1 huma mistennija li juru li għandom tagħrif u għarfien suffiċjenti li jippermettilhom jgħaddu ġudizzju fuq kwistjonijiet ambjenti lokali. B'mod aktar speċifiku, l-kandidati x'aktarx li juru li huma kapaċi li: | Kandidati li jingħataw Grad 5 huma mistennija li juru li għandom tagħrif u għarfien suffiċjenti ta' sensiela ta kwistjonijiet ambjentali lokali.<br><br>B'mod aktar speċifiku, l-kandidati x'aktarx li juru li huma kapaċi li: | Kandidati li jingħataw Grad 7 x'aktarx li jkunu familjari ma' fatti sempliċi li jippermettulhom jifmhu kwistjonijiet ambjentali lokali ċari.<br><br>B'mod aktar speċifiku, l-kandidati x'aktarx li juru li huma kapaċi li: |
| **1** | Jiftakru firxa wiesa ta' fatti u prinċipji fil-kontenut tas-suġġett mill-oqsma kollha tas-sillabu. | Jiftakru firxa mhux ħażin ta' fatti u prinċipji fil-kontenut tas-suġġett. | Jiftakru fatti u prinċipji bażiċI fil-kontenut tas-suġġett |
| **2** | Jiftakru kif firxa wiesgħa ta' aspetti reliġjużi, ekonomiċi, politiċi, u soċjali tal-kultura Maltija jinfluwenzaw l-ambjent u jispjegaw il-prinċipji moħbija fihom. | Jiftakru aspetti reliġjużi, ekonomiċi, politiċi, u soċjali, sempliċi tal-kultura Maltija li jinfluwenzaw l-ambjent u jispjegaw il-prinċipji moħbija fihom. | Jiftakru aspetti reliġjużi ekonomiċi, politiċi u soċjali sempliċi tal-kultura Maltija li jinfluwenzaw l-ambjent. |
| **3** | Jużaw tagħrif ta' proċessi u prinċipji soċjali, ekoloġiċi u kulturali f'sitwazzjonjiiet familjari, japplikawhom għall-sitwazzjonijiet mhux familjari u jifformulaw ipoteżijiet. | Jużaw tagħrif ta' proċessi u prinċipji soċjali, ekoloġiċi, u kulturali f'sitwazzjonijiet familjari u japplikawhom għall-sitwazzjonijiet mhux familjari. | Jużaw tagħrif ta' proċessi u prinċipji soċjali, ekoloġiċi u kulturali f'sitwazzjonijiet familjari. |
| **4** | Jiddiskrivu varjeta' ta' kwistjonijiet ambjentali lokali, nazzjonali, reġjonali jew globali u l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali u jissuġġerixxu soluzzjonijiet alternattivi u prattiċi. | Jiddiskruvu varjeta' ta' kwistjonijiet ambjentali lokali, nazzjonali, reġjonali jew globali u l-implikazzjonijiet ekoloġiċi u kulturali. | Jiddiskrivu varjeta' ta' kwistjonijiet ambjentali lokali, nazzjonali, reġjonali jew globali |
| **5** | Jiddiskrivu r-rabtiet bejn fenomeni ambjentali relatati. | Jiddiskrivu r-rabtiet bejn fenomeni ambjentali (ta' natura sempliċi) relatati. | Jifmhu r-rabtiet bejn fenomeni ambjentali (ta' natura sempliċi) relatati. |
| **6** | Jissuġġerixxu diversi azzjonijiet li jistgħu jieħdu biex jirrisolvu kwistjonijiet ambjentali u jagħżlu l-aħjar azzjoni fid-dawl ta l-impatt ekoloġiku u kulturali tagħha. | Jissuġġerixxu diversi azzjonijiet li jistgħu jieħdu biex jirrisolvu kwistjonijiet ambjentali fid-dawl ta' l-impatt ekologiku u kulturali tagħhom. | Jissuġġerixxu diversi azzjonijiet li jistgħu jieħdu biex jirrisolvu kwistjonijiet ambjentali. |

**Sillabu**

## Tema 1: Id-Dinja: id-dar tagħna

### It-Temp u l-Klima:

It-temp u l-klima: id-differenza ta' bejniethom. Elementi tat-temp: temperatura, xita, forza u direzzjoni tar-riħ, sħab u viżibilità. Fatturi li jaffetwaw il-klima ta' post: latitudni, distanza mill-baħar, l-irjiħat komuni u l-għoli ta' l-art. Proċess ta' kif isseħħ ix-xita: xita orografika, b'kurrenti ċirkulari (convection) u ċiklonika. Kundizzjonijiet tat-temp kawża ta' anti-ċikluni u ċikluni f'żoni temperati. Karatteristiċi klimatiċi ta' dawn ir-reġjuni ewlenin fid-dinja: il-Mediterran, Foresta Ekwatorjali u Deżerti Tropikali. Tibdil fil-klima: żieda fit-temperatura atmosferika dinjija (effett serra). Il-ħsara lis-saff ta' l-ożonu: raġunijiet (żieda fis-$CO_2$, deforestazzjoni, gas metanu, CFC's) u effetti.

**Il-Blat u kif dan ifforma:**
Formazzjoni tal-blat sedimentarju, ignjus u metamorfika. L-użu ta' tipi varji ta' blat. It-tmermir tal-blat (tifrik kawżat mis-silġ, sfoljazzjoni jew taqxir folja folja, tmermir bijoloġiku u kimiku).
Il-ħamrija bħala riżors naturali. Fatturi li jwasslu għall-formazzjoni tal-ħamrija. L-erba' komponenti prinċipali tal-ħamrija: il-kulur, il-fond, il-kontenut organiku u l-għamla (texture). Il-profil tal-ħamrija. Tipi differenti ta' ħamrija li nsibu fil-gżejjer Maltin (Ħamri, Kannella, Bajjad). It-telf tal-ħamrija: b'kawżiet naturali (xita u riħ) u konsegwenza ta' attivitajiet tal-bniedem (deforestazzjoni, ħart 'il fuq u 'l isfel, ragħa żejjed, eżawriment tal-ħamrija, ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin). Il-konservazzjoni u l-immaniġġjar tal-ħamrija (afforestazzjoni, ħart favur il-*contour*, rotazzjoni - newba, ragħa ikkontrollat, għelieqi mtarrġa).

**Attività Tettonika:**
Ir-reġjun tal-Mediterran bħala żona fejn iseħħu t-terremoti u attivita' vulkanika.. L-istruttura tad-dinja (il-qalba, il-qoxra u l-mantel - materjal ta' taħt il-qoxra). Attività tettonika: kawża ta' terremoti u vulkani. Perikli assoċjati ma' terremoti. Attività vulkanika: vulkani attivi, rieqda u estinti. L-effetti negattivi (telf ta' ħajja u ħsara fil-propjetà u l-ambjent naturali) u l-benefiċċji (ħamrija għammiela, formazzjoni ta' ġebel prezzjuż, enerġija ġeotermali u attrazzjoni turistika) tal-vulkani.

**Il-Baħar:**
Il-baħar: imantni l-ħajja fid-dinja (effett fuq il-klima, jassorbi s-$CO_2$, trasport, rikreazzjoni). L-azzjoni tal-mewġ (erożjoni, ġarr u depożizzjoni) u l-forom ta' l-art kostali li jirriżultaw: taljiet mill-mewġ (wave cut notches); pjattaformi ffurmati mill-mewġ (wave cut platforms); l-irtirar ta' l-irdumijiet (cliff retreat); formazzjoni ta' rjus ta' art u bajjiet; erożjoni ta' irjus ta' art (headlands) li tinkludi għerien, arkati jew ħnejjiet (arches), blat maqtugħ għalih (stacks) u pedestalli (stumps). Eżempji mill-Gżejjer Maltin ta' dawn il-formazzjonijiet kostali.

**Xmajjar:**
Elementi li jidhru fil-medda ta' xmajjar (ħondoq, kaskati, pjanuri ta' l-għargħar, meandri u ħamrija alluvjali). Kawżiet ta' l-għargħar (art baxxa, xita qawwija, deforestazzjoni, teħid ta' art agrikola għall-żvilupp ta' bini u toroq). Kontroll ta' l-għargħar: benefiċji u problemi.

**L-Ekosistema:**
L-ekosistema bħala sistema ta' interrelazzjonijiet bejn organiżmi ħajjin, u bejn organiżmi ħajjin u l-elementi fiżiċi madwarhom. Ir-rwol tal-pjanti bħala produtturi. Ir-rwol tal-annimali bħala konsumaturi. Ir-rwol li jilagħbu ċerti organiżmi fir-riċiklar ta' nutrijenti. Stħarriġ tal-interrelazzjoni tal-ispeċi ħajja (biotic) ma' dawk l-aspetti li mhumiex (abiotic) fi ħdan l-ekosistema tal-widien. It-theddid li qiegħed jeqred l-ekosistema naturali tal-widien tagħna: spazji meħuda minn pjanti mhux magħrufa, trejqiet āodda għall-ilma eċċessiv, tinġis ikkawżat minn ħsejjes u storbju mill-viżitaturi, dipożitu ta' żibel bl-addoċċ, bini ta' djar u postijiet ta' divertiment.

**Is-Soċjeta' Umana:**
Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni: in-normi u l-valuri bħala mezz ta' għaqda soċjali. Ir-rwol tal-valuri fil-proċess tal-iżvilupp soċjali. L-edukazzjoni fie-ċittadinanza nazzjonali. Lejn edukazzjoni għal eittadinanza globali. Eżempji partikulari ta' prattika tajba fl-iskejjel: l-Ekoskola, ġimgħa għal Edukazzjoni Globali (Global Education Week), Azzjoni Globali tal-Iskejjel (Global Action Schools), Connectando Mundos, żgħażagħ ġurnalisti għall-Ambjent (Young Reporters for the Enviornment). Il-kontribut ta' Malta fil-proċess ta' paċi fl-Ewropa u fir-reġjun tal-Mediterran mill-Indipendenza lil hawn.

## Tema 2: L-Immaniġġjar tar-Riżorsi

**Żvilupp Sostenibbli:**
Definizzjoni ta' żvilupp sostenibbli bħala żvilupp li jirrispetta l-bżonnijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi ta' pajjiż. Il-miżuri meħtieġa biex jassiguraw is-sostenibilita` tal-industrija tal-kostruzzjoni fi ħdan il-gżejjer Maltin (leġislatura, il-ħidmiet tal-MEPA, l-assessjar tal-impatt ambjentali, kampanji għall-għarfien pubbliku, is-sehem u r-rwol tal-Għaqdiet Non Governattivi – NGO). L-addottar ta' stil ta' ħajja aktar sostenibbli miż-żgħażagħ ta' Malta.

**L-importanza strateġika ta' Malta matul iż-żminijiet:**
L-importanza tal-Port il-Kbir mal-milja taż-żmien. Ħarsa ġenerali ta' kif bosta qawwiet għamlu użu minn Malta qabel l-1530. L-importanza marittima ta' Malta matul il-perijodu tal-Kavallieri. Ir-rwol ta' Malta bħala bażi navali u s-sehem tagħha fil-gwerra tal-Krimeja u fl-aħħar żewġ gwerer dinjija. L-effetti li ħalla

l-ftuħ tas-Suez Canal u r-rwol ta' Malta bħala ċentru tas-servizzi fil-Mediterran. Ir-rwol tal-Port Ħieles (Freeport) illum il-ġurnata.

**L-Agrikoltura:**
Tipi differenti ta' biedja (kultivazzjoni tar-raba', trobbija tal-bhejjem u xogħol tar-raba' u l-bhejjem). L-użu u l-effetti tar-rotazzjoni ta' l-uċuh tar-raba' (newba), irrigazzjoni, fertilizzanti, pestiċidi, kontrol bioloġiku ta' parassiti, u ħitan tas-sejjieħ. Definizzjoni u vantaġġi tal-biedja organika.

**L-Ilma:**
Iċ-ċiklu ta' l-ilma. Il-produzzjoni, il-ħażna u t-tqassim ta' l-ilma: il-ħamla ta' l-ilma tax-xita, sistemi ta' lqugħ, l-ilma tal-pjan jew akwiferi, ir-reverse osmosis u t-trattament ta' l-ilma tad-drenaġġ. Ir-riskji tat-tniġġis ta' l-ilma tal-pjan jew l-akwiferi.

**Riżorsi li ma jiġġeddux:**
Tipi diversi ta' barrieri f'Malta - tal-Qawwi u tal-Franka. L-impatt negattiv tal-barrieri fuq l-ambjent. Barrieri sostenibli. Restawrar ta' barrieri mhux uŜati: rimi ta' fdal ta' kostruzzjoni, jinħolqu attrazzjonijiet turistiċi.

Riżorsi ta' enerġija li ma jiġġeddux: żejt, gass, faħam (fossil fuels) u l-effetti tagħhom fuq l-ambjent. Lemmissjonijiet karboniċi ta' Malta mqabbla u f'kuntrast ma' pajjiżi Mediterranji oħra ewropej fl-Unjoni Ewropeja (EU): referenza għall-istatistika mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). L-użu u l-vantaġġi ta' sorsi alternattivi ta' enerġija: (mir-riħ, mix-xemx, mill-mewġ, mill-pressjoni tal-ilma u sorsi ġeotermali jew ta' frigħ il-baħar.

**Il-Baħar:**
Sorsi ta' tniġġis tal-baħar: rimi ta' drenaġġ mhux proċessat, żejt, l-akwakultura, skart u kimika industrijali. Effetti tat-tniġġis tal-baħar. Metodi ta' sajd f'Malta (kannizzati, konz, tkaxkir, lampara, parit, lampara). Trobbija ta' ħut u l-akwakultura.

**Il-Biodiversita':**
It-telf ta' biodiversita` huwa kkawżat mill-qerda ta' ekosistemi, kaċċa u sajd mhux sostenibbli u importazzjoni ta' pjanti u speċi ta' annimali mhux magħrufa (aljeni) għar-reġjun. Studju ta ' każ (Case Study ) ta ' biodiversita ` ta ' wied imsemmi fil - gżejjer Maltin . Protezzjoni u konservazzjoni tal-ambjent fejn hemm il-flora u l-fawna li jinstab fil-periklu li jinqered. Ir-rwol ta' risevi nazzjonali biex jipprovdu kenn għall-ispeċi fil-periklu, jipproteġu abitat speċifiku, u biex jgħinu liċċittadini jitgħallmu japprezzaw l-ambjent naturali. Għandu jkun hemm fokalizzazzjoni fuq sit protett imsemmi fil-gżejjer Maltin.

**L-Immaniġjar ta' l-Iskart:**
It-tliet prinċipji fl-immaniġjar ta' l-iskart: tnaqqis ta' l-iskart, l-użu mill-ġdid ta' l-iskart u r-riċiklar. L-iskart bħala riżorsa. Miżbla ikkontrollata u l-inċinerazzjoni

**Ir-Riżorsi Umani:**
L-edukazzjoni bħala mezz ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani.Is-sistema ta' l-edukazzjoni f'Malta u l-iżvilupp tar-riżorsi umani f'Malta. l- immaniġġjar tar-riżorsi umani implikazzjonijiet tiegħu għal azzjoni soċjail (l-istituzzjonijiet, is-servizzi soċjali, ix-xogħol).

## Tema 3: Il-Popolazzjoni Umana

Fatturi li ddeterminaw il-kwalità tajba tal-ħajja u l-iżvilupp tagħhom matul iż-żminijiet:

**Popolazzjoni:**
Iż-żjieda fil-popolazzjoni. Id-distribuzzjoni u d-densità (fatturi pożittivi u negattivi). Il-migrazzjoni (fatturi li jiġbdu u oħrajn li jimbuttaw). L-impatt tal-bini tad-djar fuq l-ambjent.

**Forom ta' Bliet u Rħula:**
Żvilupp storiku u demografiku ta' bliet u rħula Maltin. Il-qalba ta' l-ibliet u l-iżvilupp ta' diversi subborgi b'referenza speċjali għar-Rabat (Malta u Għawdex), il-Furjana, it-Tliet Ibliet u tas-Sliema .
L-importanza storika ta' bliet qodma: l-Imdina, il-Birgu, il-Belt Valletta u Victoria. Irħula Maltin mitlufin. L-ibliet moderni u l-estensjonijiet ta' l-irħula Maltin b'referenza partikulari għal żoni residenzjali, żoni ta' villeġġjatura u ċentri turistiċi. Il-kuntrast ta' dawn ma' forom qodma ta' bliet u rħula.

**Id-djar:**
Il-Mandraġġ bħala eżempju tal-problema tal-qagħda tad-djar u l-kundizzjonijiet sanitarji ħżiena fl-ibliet il-qodma matul l-aħħar żewġ sekli. Il-problema tas-saħħa minn ilma kontaminat u mis-sistema inadekwata ta' dranaġġ. L-effetti tal-gwerra u r-rikostruzzjoni. Il-bini ta' oqsma tad-djar f'lokalitajiet differenti. Il-problema tad-djar battala.

**Is-saħħa pubblika:**
L-isptarijiet u l-kura tas-saħħa matul iż-żmien. Il-mard li jittieħed (pesta u kolera) u l-impatt tiegħu fuq il-popolazzjoni. Is-sejba tal-mikrobu tad-deni irqiq fil-ħalib tal-mogħoż minn Sir Temi Żammit.

**L-Edukazzjoni:**
L-iżviluppi importanti fl-edukazzjoni mill-1800 'l hawn: Il-Kummissjoni Rjali ta' l-1836 u r-rapport ta' Keenan. Il-kwistjoni tal-lingwa u l-influenza tagħha fuq l-edukazzjoni. Il-liġijiet ta' l-Edukazzjoni għal Kulħadd.

**Trasport:**
Trasport fuq l-art, fuq il-baħar u bl-ajru. Fatturi li jinfluwenzaw tipi diversi ta' trasport (distanza, ħin, spiża u kontenut). L-iżvilupp ta' modi differenti ta' trasport (i.e. karrettuni, omnibus, trenijiet, 'ferries' u xarabanks) marbutin ma' l-espansjoni ta' xibkiet ta' kommunikazzjoni. L-influwenza tat-trasport fuq in-nies (aktar mobilita', l-inegwaljanza fl-aċċess, tnaqqis ta' spazju għar-rikreazzjoni).

## Tema 4: Il-Komunitajiet Umani

**Il-Kommunita' Lokali:**
In-nies li jgħixu fi ħdan il-kommunita' (it-tfal, iż-żgħażagħ, l-anzjani, persuni bi ħtiġijiet diversi).L-istituzzjonijiet fi ħdan il-kommunita': istituzzjonijiet reliġjużi, edukattivi, tas- saħħa, politiċi, legali u sportivi. L-organizzazzjonijiet soċjali, kulturali u reliġjużi. Evalwazzjoni tar-relazzjonijiet soċjali bejn dawn l-istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet u l-individwu.

**Il-Wirt Kulturali Malti:**
L-elementi ewlenin li jsawru l-identita' kulturali ta' poplu (il-lingwa, in-normi soċjali u l-valuri, l-iżvilupp teknoloġiku). Il-kultura bħala stil ta' ħajja ta' poplu sħiħ.
In-normi fis-soċjeta' Maltija bħala mezz ta' għaqda soċjali. Id-drawwiet tradizzjonali marbuta mal-mod kif il-Maltin jiċċelebraw il-festi reliġjużi u mhux reluġjużi, okkażjonijiet tal-familja, avvenimenti sportivi. Ir-rwol tal-valuri (ir- rispett, l-ugwaljanza fl-opportunitajiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li taċċetta d-differenzi fl-oħrajn) fl-iżvilupp tas-soċjeta'.

**Il-wirt arkitettoniku fir-reġjun tal-Mediterran:**
Il-piramidi ta' l-Eġittu, l-Akropoli ta' Ateni, it-tempji Griegi f'Agrigento (Sqallija) u l-Kolossew (l-Italja), il-fdalijiet klassiċi ta' Sabratha (Libja) u ta' Kartaġni (Tuneżija) u l-arkitettura Mora f'Alhambra (Spanja)

**Il-Wirt Arkitettoniku Malti:**
Referenza āenerali għall-fdalijiet Pre-istoriëi, Puniëi, Rumani, Paleo-Kristjani u Medjevali (tempji, oqbra, fortifikazzjonijiet djar, banjijiet, torrijiet u katakombi).

**Arkitettura vernikolari:**
Il-karatteristiċi ewlenin ta' raħal tipiku Malti. Bini tipiku Malti fil-kampanja u l-funzjoni tiegħu: ħitan tas-sejjiegħ, giren, għorof, duri, mqajel u rziezet. Referenza ġenerali għal niċeċ u kappelli f'Malta u Għawdex. Strutturi troglodити.

**Wirt tal-passat sa l-1530:**
Referenza ġenerali għall-wirt preistoriku, Puniku, Ruman u dak medjevali ta' pajjiżna (imqades,oqbra, ħitan ta' difiża, djar,banjijiet u torrijiet).

**Żmien il-Kavallieri:**
Il-wirt arkitettoniku tal-Kavallieri ta' San {wann (bereġ, palazzi, djar u knejjes). Il-Knisja Konventwali ta' San {wann fil-Belt Valletta. L-isparijiet u bini ieħor tal-Kavallieri. Il-fortifikazzjonijiet u d-difiża ta' żmien il-Kavallieri: il-bini tas-swar, fortizzi u torrijiet. Id-difiża tal-Port il-Kbir u Marsamxett. Id- difiża tal-kosta. Fortifikazzjonijiet f'Għawdex.

**Żmien l-Ingliżi:**
It-tisħiħ tad-difiża li ħallew il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann (Sant'Iermu, Sant'Anġlu, il-Kottonera). Il-bini ta' fortifikazzjonijiet āodda. L-importanza tal-linji difensivi u l-batteriji militari tul il-kosta. Larkitettura neo-klassika u neo-gotika.

**Bini Modern:**
Kostruzzjonijiet moderni u kif dawn jirriflettu l-bidla soċjali li kellha tgħaddi minnha s-soċjeta` Maltija wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

**Fortifikazzjonijiet ta' żmien l-Ingliżi**

**Konservazzjoni u restawr:**
Bżonn ta' konservazzjoni u restawr tal-patrimonju arkitettoniku Malti. Ir-rwol ta' aġenziji governattivi (Heritage Malta). Ir-rwol tal-kunsill lokali u għaqdiet voluntarji.

## Tema 5: Ix-Xogħol u l-Ħin tal-Mistrieħ

**It-Tliet Setturi ta' l-Ekonomija:**
L-iżvilupp tal-ekonomija Maltija: minn ekonomija li tiddependi biss minn gżira-fortizza għallekonomija diversifikata. L-erba' setturi tal-ekonomija: is-settur primarju (l-agrikoltura, is-sajd u xxogħol tal-barrieri), is-settur sekondarju (il- manifattura), i s-settur terzjarju (is-servizzi) u s-settur kwaternarju (dak diġitali). Il-kandidati huma mistennija li jagħtu eżempji mill-ekonomija Maltija ta' dawn l-erba' setturi.

L-industrija tal-manifattura (l-industrija fil-qalba tal-ibliet): l-għażla tas-siti għall-bini ta' fabbriki 'Estates' industrijali. L-impatt t a l -industrija f u q l -ambjent. L-esportazzjoni u l-importazzjoni. Il-Prodott Gross Domestiku. L-iżvilupp soċjo-ekonomiku. Ir-relazzjonijiet ekonomiëi ta' Malta ma' pajjiżi oħra. It-Turiżmu f'Malta: il-benefiċċji u l-implikazzjoni tat-turiżmu għall-ħajja ekonomika u soċjali f'Malta. L-eko-turiżmu. Il-perspettiva globali tat-turiżmu. L-impatt negattiv tat-turiżmu fuq l-ambjent.

**L-Implikazzjonijiet Soċjali tax-Xogħol:**
L-imsieħba soċjali, it-trejd unions, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, il-koperattivi tal-ħaddiema, il-ħarsien u s-sigurta' ta' saħħet il-ħaddiema fuq il-post tax- xogħol.
L-immaniġġjar tar-riżorsi umani fuq il-post tax-xogħol u xogħol aktar effettiv. Kif l-iżvilupp ta' ambjenti ta' xogħol ġodda influenza is-soċjeta' u l-istil ta' ħajja (l-iżvilupp ta' ċentri kummerċjali ġodda, aċċess għas-servizzi u l-inugwaljanza li dan iġib miegħu, it-taħriġ f'ħiliet ġodda).

**L-Istil tal-Ħajja f'Malta:**
L-influenza tal-mass medja, l-emigrazzjoni u t-turiżmu fuq l-istil tal-ħajja Maltija. L-iżvilupp ta' soċjeta' multikulturali. L-istil kompless tal- ħajja tal-lum meta mqabbel ma' dak iżjed sempliċi taż-żmien ta' qabel.
Id-divertiment f'Malta fis-seklu dsatax. Attivitajiet ta' divertiment: il-festa tar-raħal, it-tiġrijiet taż-żwiemel, l-Imnarja, il-wirjiet agrikoli, il-Karnival, il-każini tal- banda, il-ħwienet ta' l-imbid u l-għana. Id-differenza bejn modi ta' divertiment ta' l-imgħoddi u dawk tal-lum.

## Tema 6: It-Tmexxija ta' Nazzjon

**Il-Politika:**
Il-politika bħala proċess ta' parteċipazzjoni fil-ħajja ëivika. Il-partiti politiëi u s-sehem taë-ëittadini fil-ħajja demokratika.
Il-politika bħala sistema mibnija fuq il-gruppi ta' pressjoni, il-partiti politiëi, is-sistema paralmentari. Ir-rwol tal-partiti politiëi fl-iŜvilupp tas-soëjeta`.

Ir-rwol tal-kunsilli lokali fl-iŜvilupp tal-kommunita` lokali. Interazzjonijiet bejn il-Gvern ëentrali u l-gvernijiet lokali.

**L-Iżvilupp Kostituzzjonali f'Malta:**
Is-Sette Guigno u l-kisba ta' kostituzzjoni ta' Gvern tal-1921. Il-Kostituzzjoni tal-1947 – il-vot mogħti lil kulħadd. Il-ksib tal-Indipendenza. Malta ssir Repubblika.

**Malta fl-Unjoni Ewropeja:**
L-oriġini tal-Unjoni Ewropeja (EU). L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja: Il-Parlament Ewropew, il-Kummissarju Ewropew, il-Kunsill tal-Ministri. Ħarsa lejn l-iŜvilupp politiku u ekonomiku ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja.